

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/814

tal-1 ta' Ġunju 2018

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1509.
- (2) Fit-23 ta' Mejju 2018, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU") stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1718 (2006) tal-KSNU emenda l-ejenkar ta' entità soġġetta għal miżuri restrittivi.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509 huwa emendat kif imniżżel fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ġunju 2018.

Għall-Kunsill  
Il-President  
E. ZAHARIEVA

<sup>(1)</sup> ĠUL 224, 31.8.2017, p. 1.

## ANNEX

Fl-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509, l-entrata 74 taħt l-intestatura “(b) Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi” hija sostitwita b’dan li ġej:

“74.	WEIHAI WORLD-SHIPPING FREIGHT		419-201, Tongyi Lu, Huancui Qu, Weihai, Shandong 264200, China	30.3.2018	Maniġer kummerċjali u tal-vapur ta’ XIN GUANG HAI, bastiment li għabba faħam f’Taeon, ir-RDPK fis-27 ta’ Ottubru 2017 u kellu Valutazzjoni Teknika Ewropea fl-14 ta’ Novembru 2017 għal Cam Pha, il-Vjetnam, iżda ma wasalx.”
------	-------------------------------	--	--	-----------	---